

Emenda 1

Curzio Maltese, Nikolaos Chountis, Eleonora Forenza
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B8-0190/2018****Petra Kammerevert**

f'isem il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni
l-Implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja – sitwazzjoni attwali u segwitu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Premessa A***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

A. billi l-Proċess ta' Bolonja hu inizjattiva intergovernattiva li biha l-pajjiżi jimmiraw li jilħqu għanijiet komuni ta' djalogu miftuħ u kollaborattiv permezz ta' impenji maqbula fil-livell internazzjonali, biex b'hekk jingħata kontribut għall-bini ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA) li ***tipprovd*** opportunitajiet indaqs u edukazzjoni ta' kwalità;

A. billi l-Proċess ta' Bolonja hu inizjattiva intergovernattiva li biha l-pajjiżi jimmiraw li jilħqu għanijiet komuni ta' djalogu miftuħ u kollaborattiv permezz ta' impenji maqbula fil-livell internazzjonali, biex b'hekk jingħata kontribut għall-bini ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja (EHEA); ***billi l-edukazzjoni għolja ta' kwalità għolja hi element ewlieni fl-iżvilupp ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien wiesa' u avvanzata, li finalment tikkontribwixxi għall-bini ta' komunità stabbli, paċifika u tolleranti billi tiżgura opportunitajiet indaqs u edukazzjoni ta' kwalità aċċessibbli għal kulħadd;***

Or. en

17.4.2018

B8-0190/2

Emenda 2

Curzio Maltese, Nikolaos Chountis, Eleonora Forenza
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0190/2018

Petra Kammerevert

f'isem il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni
l-Implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja – sitwazzjoni attwali u segwitu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ab. *billi l-miżuri ta' awsterità rriżultaw fi tnaqqis fil-finanzjament pubbliku għall-edukazzjoni, għal miżati ta' reġistrazzjoni ogħla u gal parteċipazzjoni u influwenza akbar mis-settur privat fl-edukazzjoni, u billi l-implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja kien strumentali mhux biss biex tissaħħaħ id-dimensjoni pubblika tal-edukazzjoni, iżda aktar minħabba l-liberalizzazzjoni ulterjuri tas-settur; billi l-Istati Membri u l-Kummissjoni, għalhekk huma mħeġġa biex jallokaw riżorsi finanzjarji adegwati u biex jeskludu l-infiq relatat mal-edukazzjoni mill-kalkolu tad-defiċit pubbliku fi ħdan il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir;*

Or. en

17.4.2018

B8-0190/3

Emenda 3

Curzio Maltese, Nikolaos Chountis, Eleonora Forenza
f'isem il-Grupp GUE/NGL,

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B8-0190/2018

Petra Kammerevert

f'isem il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni
l-Implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja – sitwazzjoni attwali u segwitu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

9a. Jissottolinja l-bżonn ta' aċċess akbar għall-gruppi sottorappreżentati, partikolarment bl-istabbiliment ta' objettivi kwantitativi ddefiniti fir-rigward tar-rati ta' aċċess u ta' tlestija; jisħaq fuq l-importanza ta' garanzija u l-promozzjoni tal-aċċess għar-rifuġjati u għal dawk li jfittxu l-asil għall-istituzzjonijiet kollha tal-EHEA, u jfakkar li l-attrazzjoni tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa tinsab ukoll fil-ħila tagħha li tkopri l-istudenti mingħajr l-ebda diskriminazzjoni;

Or. en